## QORTI CIVILI PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.

**Illum It-Tnejn, 12 ta' Awwissu, 2019**

**Mandat ta' Inibizzjoni Nru. 1048/2019**

**Dejan Debono bhala mandatarju ta' missieru Darren Debono
li bhalissa jinsab imsiefer, World Water Fisheries Limited,
Andrea Martina Limited u Marie De Lourdes Limited**

**vs**

**Onorevoli Prim Ministru Dott. Joseph Muscat bhala l-Kap tal-Gvern Malti u
l-Onorevoli Ministru ghall-Affarijiet Barranin u Promozzjoni tal-Kummerc,
Carmelo Abela fil-kapacita ufficjali tieghu**

**Il-Qorti**

Rat ir-rikors ghal hrug ta' mandat ta' inibizzjoni tat-1 ta' Awwissu 2019 maghmul minn Darren Debono u tlett kumpaniji li taghhom l-istess Debono ghandu sehem u interess kontra l-intimati biex dawn tal-ahhar jigu mizmuma milli jressqu mozzjoni jew talba jew ikomplu bil-manuvri quddiem il-Kunsill tas-Sigurta tan-Nazzjoniijiet Uniti u kull forum iehor fl-Unjoni Ewropea jew barra minnha biex jiksbu sanzjonijiet kontrih jew il-kumpaniji. Din it-talba giet xprunata skont ir-rikorrenti minn dak li ntqal minn diversi gurnali Maltin u ufficjal fl-Ambaxxata Maltija ghall-Istati Uniti. Hu jzid li ghalkemm hemm proceduri kriminali kontrih fl-Italja hu ghandu jigi prezunt innocenti sakemm jigi pruvat mod iehor u ma ghandux jigi privat mid-dritt ta' smigh xieraq. Hu zied li saret petizzjoni ghal sanzjonijiet kif fuq inghad quddiem il-Kunsill ta' Sigurta

tal-Gnus Maghquda mill-Gvern Malti li giet opposta mill-Gvern Russu. Kieku ghaddew tali sanzjonijiet kienu jimblukkaw fil-prattika l-kawzi li saru mir-rikorrenti quddiem din il-Qorti kif preseduta sabiex il-vapuri tal-imsemmija kumpaniji ma jitnehhewx mir-registru tal-bastimenti Maltin, peress li s-sanzjonijiet kienu jkunu awtomatikament applikabbli ghal Malta. Hu jzid li hemm bosta ragunijiet ghaliex l-intimati qed jinsistu fuq tali mizuri fosthom biex bank Malti jkollu 'corresponding bank' Amerikan peress illi l-Amerikani imponew sanzjonijiet permezz tal-OPAC kontra r-rikorrenti li dwarhom il-Gvern Malti qed jipprova jikkancella l-vapuri tar-rikorrenti mir-registru tal-bastimenti Maltin, u sabiex jaghtu d-dehra li qed jiggieldu l-hasil tal-flus u jissodisfaw il-lanjanzi tal-Unjoni Ewropea fuq din il-kwistjoni.

L-intimati filwaqt li ai termini tal-artikolu 873(3) tal-Kap. 12 irrispondew li fil-prezent mhux bi hsiebhom iwettqu xi wiehed mill-ghemejjel li ghalih qed jintalab il-mandat, isostnu li ma hemm ebda raguni ghaliex dan il-mandat ghandu jintlaqa' peress illi ebda wiehed mill-elementi ghal hrug tal-mandat ma gie sodisfatt.

Il-Qorti semghet lid-difensuri tal-partijiet u tqis illi d-dikjarazzjoni kondizzjonata tal-intimati li 'fil-prezent' mhux bi hsiebhom iwettqu ebda wiehed mill-ghemejjel imsemmija mir-rikorrenti ma ghandhiex tkun bizzejjed biex din il-procedura tieqaf hawn. L-intimati f'kull kaz qed iqisu li r-rikorrenti ma jistax jitlob b'success il-hrug tal-mandat.

Il-Qorti semghet lid-difensuri tal-partijiet u halliet ir-rikors ghal provvediment.

**Ikkunsidrat**

Din il-Qorti taqbel mal-intimati li l-mandat ma jistax jintlaqa' ghal diversi ragunijiet. Fl-ewwel lok il-Qorti hi perplessa dwar id-dritt oggettiv li r-rikorrenti qed isostnu bhala bazi ghat-talba taghhom. Saru varji allegazzjonijiet u ipotesi dwar sanzjonijiet internazzjonali li Malta jew l-istati Uiniti qed jippruvaw imexxu l-quddiem kontra Darren Debono u kumpaniji mieghu assocjati li fl-essenza taghhom jimmiraw biex jiffrizaw l-assi tal-istess rikorrenti bi pregudizzju ekonomiku irrimedjabbli u ghalhekk

jilledulu d-dritt pacifiku tal-proprjeta. Ir-ragunijiet ghal tali hrug ta' sanzjonijiet, skont ir-rikorrenti jemanaw mill-allegazzjoni li l-Gvern Malti qed jipprova jinghogob mal-Gvern Amerikan biex iz-zewg Stati jiehdu beneficju politiku/ekonomiku reciproku. Mizjud ma' dan huma qed jghidu li jekk jinhargu sanzjonijiet kontrih mill-Gvern Malti u/jew mill-Kunsill tas-Sigurta jew xi organu tal-Unjoni tal-Ewropa bl-intervent dirett jew indirett tal-Gvern Malti ser jippriva lir-rikorrenti Darren Debono mid-dritt ta' smigh xieraq u l-prezunzjoni tal-innocenza u r-rikorrenti jsofru pregudizzju ekonomu irrimedjabbli. Il-Qorti tqis li fl-ahhar mill-ahhar dawn huma d-drittijiet li qed jinsistu r-rikorrenti li ghandhom jigu protetti. Ghalkemm bla dubju dawn huma drittijiet ben stabbiliti jridu jitqiesu fil-kuntest ta' dak li qed jigi mitlub li jigu mizmum. Qabel xejn ma saret ebda prova li bhalissa hemm xi mozzjoni ghaddejja jew proposta quddiem il-Parlament Malti jew xi organu internazzjonali iehor. Minghajr pregudizzju ghal dan, f'kull kaz pero l-artikolu 3(4)(a) tal-Kap. 365 tal-Ligijiet ta' Malta jaghti dritt lil Prim Ministru johrog mizuri u sanzjonijiet restrittivi ghal skopijiet specifici. Il-Kapitolu VII tal-UN Charter (Rez. 1970 u 1973/2001) jaghti l-poteri li jittiehdu mizuri restrittivi u l-istess poteri jinghataw lill-Unjoni Ewropea bl-artikolu 215 tat-Trattat dwar il-Funjonament tal-Unjoni Ewropea. F'kull kaz skont l-artikolu 18 tal-Kap. 365, l-artikolu 7 tal-Provisional Guidelines of the Committee for the Conduct of its Work tal-Kunsill tas-Sigurta u l-artikolu 263 tat-Trattat tal-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, ir-rikorrenti ghandu r-rimedju li jattakka kull mizura restrittiva b'kawzi ad hoc quddiem il-fora rispettivi. Ghalhekk ma jistax jinghad li r-rikorrenti f'dan l-istadju fejn lanqas jezistu tali sanzjonijiet hemm xi periklu li d-drittijiet tieghu qeghdin jew ser jigu pregudikati.

Il-ligijiet imsemmija imkien ma jimponu xi obbligu li qabel jinhargu l-mizuri jkun hemm xi preavviz tal-parti. Ir-raguni ghal dan hu pjuttost ovvju. L-iskop tas-sanzjonijiet restrittivi huma intizi biex persuna jew entita li qed jikser ligijiet nazzjonali jew internazzjonali f'forma serja li jista' jippregudika l-integrita u sigurta ta' stat jew ghaqda ta' stati jigi mnezza mill-fakolta li juza l-mezzi ekonomici tieghu biex ikompli jevadi jew ikun f'pozizzjoni li jkompli jevadi l-ligijiet u sigurta nazzjonali jew internazzjonali f'reati meqjusa ta' gravita serja hafna bhal per ezempju traffikar. L-importanti hu illi l-persuna jkollha mezz legali biex tikkumbatti l-ordni jew mizura li kif muri huma evidenti fil-ligijiet imsemmija. Hu minnu li kull mizura simili ser tohloq

disagju, inkonvenjent u anki tbatija bhala kull ordni li tolqot il-but ta' dak li jkun. Pero ma jitstax jitqies illi jekk jittiehdu mizuri simili r-rikorrenti mhix ser ikollu rimedju effettiv skont il-ligi Maltija u dan billi dan il-mandat hu indirizzat kontra l-Gvern Malti u hu jrid jirrispondi ghall-agir maghmul minnu jew xprunat minnu. Il-principju regolatur hu dejjem li persuna ghandha jedd tagixxi skont ma tippermettilha l-ligi pero jekk il-jedd jigi abbuzat jew uzat hazin jew b'mod zbaljat, irid jinghata r-rendikont dejjem fil-parametri tal-ligi u taghmel tajjeb ghat-telf kollu soffert mill-persuna li batiet minn tali agir. Ovvjament dan mhux ezercizzju li jista' jsir qabel l-akkadut tal-fatt allegatament dannuz fil-konfront tieghu u l-fatti jkunu jistghu jittiehdu fil-perspettiva gusta u kompleta taghhom.

Dan kollu jerga' jwassal ghad-domanda originali cioe x'inhu l-jedd oggettiv li r-rikorrenti qed jipprova li jikkawtela. Ir-risposta hi li r-rikorrenti ma huma qed jikkawtelaw ebda jedd konkret f'dan l-istadju ghax ma hemm ebda dritt f'dan l-istadju li qed jgi allegatament mittiefes mill-Gvern Malti. Il-Qorti tqis li diskussjonijiet jew trattivi diplomatici bejn Gvernijiet ma jaqghux fil-gurisdizzjoni taghha kif anqas jaqghu mizuri protettivi minn entitajiet internazzjonali bhan-Nazzjonijiet Uniti jew l-Unjoni Ewropea biex ma jittiehdux mizuri minnhom kontra terzi skont il-ligijiet li jirregolawhom. Il-Qorti tista' tqis biss azzjonijiet mehuda mill-Gvern Malti fl-ambitu ta' dak li jipprovdu l-ligijiet nostrani u internazzjonali skont il-kaz. F'dan l-istadju ebda dritt konkret u oggettiv tar-rikorrenti ma irrizulta li gie mittiefes jew li jista' jigi mittiefes b'xi azzjoni tal-Gvern Malti li jmorru kontra d-dritt tal-proprjeta, dritt ta' smigh xieraq jew dritt tal-prezunzjoni tal-innocenza.

Ghalhekk il-Qorti tqis li ma hemmx lok li jitqiesu l-elementi l-ohra ghal hrug tal-mandat billi r-rikorrent ma ippruvawx li f'dan l-istadju ghandhom xi dritt prima facie oggettiv li jehtieg jigi protett.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti, filwaqt li tirrevoka contrario imperio d-digriet taghha tal-1 ta' Awwissu 2019, tichad it-talba tar-rikorrenti ghal hrug ta' mandat ta' inibizzjoni, bl-ispejjez kontra taghhom.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur